

Brussell, 24 ta' Novembru 2023
(OR. en)

14986/23

CDR 175

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar ħames membri u sitt membri supplenti, proposti mir-Renju tan-Netherlands, fil-Kumitat tar-Reġjuni - Adozzjoni

1. Permezz tal-ittri tat-12 ta' Lulju 2023¹, tat-13 ta' Lulju 2023² u tat-28 ta' Lulju 2023³, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bit-tmiem tal-mandati nazzjonali li abbażi tagħhom ġew proposti għall-ħatra u nħatru s-Sur Michiel Alexander RIJSBERMAN, is-Sur Tjisse STELPSTRA, is-Sur Yde Johan VAN HIJUM u s-Sa Ilse ZAAL, membri tal-Kumitat tar-Reġjuni. Barra minn hekk, il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sur Johan HAMSTER ġie propost għall-ħatra u nħatar, intemm.

¹ 12172/23.
² 11891/23.
³ 12249/23 u 12250/23.

2. Permezz tal-ittra tal-11 ta' Mejju 2023⁴, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bir-riżenja tas-Sur Maarten VAN GAANS-GIJBELS, membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni. Permezz tal-ittri tal-4 ta' Lulju 2023⁵, tat-12 ta' Lulju 2023⁶, tat-28 ta' Lulju 2023⁷ u tat-8 ta' Settembru 2023⁸, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bit-tmiem tal-mandati nazzjonali li abbażi tagħhom ġew proposti għall-ħatra u nħatru s-Sa Jeannette Nicole BALJEU, is-Sur Johannes Cornelius Gerardus Maria (John) BERENDS, is-Sur Klaas FOKKINGA, is-Sa Anna PIJPELINK u s-Sur Robertus Cornelis Leonardus STRIJK, membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni.
3. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill jaħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni, billi jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.
4. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tagħhom, il-Gvern Netherlandiż ippropona⁹ r-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali li huma politikament responsabbli quddiem assemblea eletta bħala membri tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025: is-Sur Rang Friso DOUWSTRA, *Gedeputeerde provincie Fryslân* (Ministru Reġjonali tal-Provinċja ta' Fryslân), is-Sa Johanna Everdina MOL, *Gedeputeerde provincie Gelderland* (Ministru Reġjonali tal-Provinċja ta' Gelderland), is-Sa Willemina Roziena Catharina STERK, *Gedeputeerde provincie Zuid-Holland* (Ministru Reġjonali tal-Provinċja ta' Zuid-Holland), is-Sur Arthur Theodorus Hendrikus VAN DIJK, *Commissaris van de Koning provincie Noord-Holland* (Kummissarju tar-Re tal-Provinċja ta' Noord-Holland) u s-Sa Mariette Elsbeth VAN LEEUWEN, *Gedeputeerde provincie Zuid-Holland* (Ministru Reġjonali tal-Provinċja ta' Zuid-Holland).

⁴ 9538/23.

⁵ 11542/23.

⁶ 11803/23.

⁷ 12248/23 + 12249/23.

⁸ 12819/23.

⁹ 14938/23.

5. Barra minn hekk, il-Gvern Netherlandiż ippropona¹⁰ lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali li huma politikament responsabbli quddiem assemblea eletta bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025: is-Sa Elisabeth Anna Maria Bernard DEMOLLIN-SCHNEIDERS, *Gedeputeerde provincie Limburg* (Ministru Reġjonali tal-Provinċja ta' Limburg), is-Sur Erwin Nico Willem HOOGLAND, *Gedeputeerde provincie Overijssel* (Ministru Reġjonali tal-Provinċja ta' Overijssel), is-Sur Jan KLOPMAN, *Gedeputeerde provincie Flevoland* (Ministru Reġjonali tal-Provinċja ta' Flevoland), is-Sur Wilfried Robert Leonia NIELEN, *Gedeputeerde provincie Zeeland* (Ministru Reġjonali tal-Provinċja ta' Zeeland), is-Sur Abraham SCHMAAL, *Gedeputeerde provincie Groningen* (Ministru Reġjonali tal-Provinċja ta' Groningen) u s-Sur Egbert VAN DIJK, *Gedeputeerde provincie Drenthe* (Ministru Reġjonali tal-Provinċja ta' Drenthe).
6. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni kif jinsab fid-dokument 14976/23 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss.
-

¹⁰ 14938/23.